A.L. 217 ta' l-2005

ATT TA' L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2005 għall-Gradi ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - u Master of Philosophy - M.Phil. - taħt il-patroċinju ta' l-Istitut għall-Istudji tal-Malti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-Istitut għall-Istudji tal-Malti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2005 għall-Gradi ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - u Master of Philosophy - M.Phil. - taħt il-patroċinju ta' l-Istitut għall-Istudji tal-Malti.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord ta' l-Istitut għall-Istudji tal-Malti;

"il-Gradi" tfisser il-grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - jew il-grad ta' Master of Philosophy - M.Phil. - kif xieraq;

"l-Istitut" tfisser l-Istitut għall-Istudji tal-Malti; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Gradi ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - u Master of Philosophy - M.Phil.

Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Frar 2004 'il quddiem.

Ir-Reġistrazzjoni

3. (1) L-applikanti għall-Gradi għandhom jissodisfaw il-provvedimenti ta' dan l-ordinament minbarra r-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni mniżżla fir-Regolamenti Prinċipali.

(2) L-applikanti għad-dħul fil-Gradi għandu jkollhom il-kwalifiki speċifikati fir-Regolamenti Prinċipali mogħtija minn din jew minn universita' oħra jew kwalifiki ta' livell komparabbli rikonoxxuti għal dan il-għan mis-Senat, f'dixxiplina/i li, fl-opinjoni tal-Bord, hija relatata mill-qrib mat-tema tal-proposta ta' riċerka ta' l-applikanti. Il-Bord jista' jagħmel rekwiżiti addizzjonali, inkluż it-tmiem b'suċċess ta' programm ta' studju approvat.

(3) L-applikanti għall-grad ta' Master of Philosophy li l-ewwel grad tagħhom mhux grad bl-Unuri fil-livell tat-Tieni Klassi (Taqsima Superjuri), jistgħu jkunu aċċettati għall-grad ta' Master of Philosophy, suġġetti li jsegwu Programm ta' Kwalifika, kif approvat mill-Bord u mis-Senat, u t-tmiem tiegħu b'mill-inqas it-Tieni Klassi bl-Unuri (Taqsima Superjuri).

(4) Qabel ma jirreġistraw għall-grad ta' Doctor of Philosophy, l-applikanti għandhom normalment ikunu meħtieġa jirreġistraw l-ewwel għall-grad ta' Master of Philosophy. L-applikanti jkunu rakkomandati għal reġistrazzjoni diretta għall-grad ta' Doctor of Philosophy biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

(5) Il-qasam fi ħdan l-Istudji tal-Malti magħżul għar-riċerka fiż-żewġ Gradi għandu jkun ta' natura interdixxiplinari.

(6) L-istudenti għall-Gradi jistgħu jkunu meħtieġa jipparteċipaw fis-seminarji ta' riċerka ta' l-Istitut.

It-Teżijiet u d-Disertazzjonijiet

4. (1) L-istudenti għandhom jissottomettu:

(a) teżi ta' madwar 75,000 u 100,000 kelma fil-każ tal-grad ta' Doctor of Philosophy; u

(b) dissertazzjoni ta' madwar 50,000 u 65,000 kelma fil-każ tal-grad ta' Master of Philosophy.

(2) L-ebda bidla fit-titlu jew fis-suġġett approvati fiż-żmien ta' l-ewwel reġistrazzjoni m'għandha tkun permessa hlief jekk bi qbiel mas-superviżur u mad-Direttur, u approvata mis-Senat.

(3) It-teżijiet u d-dissertazzjonijiet għandhom jikkonformaw ma' l-istruzzjonijiet dwar il-format u l-preżentazzjoni kif approvati minn żmien għal żmien mill-Bord.

(4) L-istudenti għandhom jissottomettu erba' kopji identiċi, illegati adegwatament tat-teżi jew tad-dissertazzjoni, skond il-każ, wara li jkollhom l-awtorizzazzjoni għas-sottomissjoni tax-xogħol skond il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali, u għandhom iġibu kopja oħra identika għall-eżami *viva voce*.

(5) Mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-approvazzjoni finali ta' teżi jew ta' dissertazzjoni mill-eżaminaturi, l-istudenti għandhom jissottomettu lill-Istitut tliet kopji identiċi pprintjati tax-xogħol, illegati bejn qxur iebsin, li waħda minnhom għandha tkun depożitata fil-Librerija ta' l-Universita'.